# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 14 TA' DICEMBRU, 2001

**Avviz Nru: 1369/01 AJD**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Porto Azzurro Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-5 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' tlieta u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm33.99), kwantu ghal disgha u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm29.56) Royalty u erba' liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm4.43) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 9819 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Porto Azzurro Residence Apartment, ghall-perijodu mis-6 ta' Mejju, 2001, sal-5 ta' Mejju, 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Lulju, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskedenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda taL-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lis-socjeta’ attrici.   Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' tlieta u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm33.99) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**